**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Nru: 112/2014 MLF**

**Hotel Operators Limited**
**vs**
**Events Travel and Incentives Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' tmint elef hames mija wiehed u sebghin Euro (€8,571.35) rapprezentanti prezz ta' servizzi prestati mill-attrici lill-konvenuta fil-lukanda ta' Cenc, Sannat, Ghawdex bejn Marzu u Ottubru, 2013, u dana kollu kif sejjer jirrizulta dettaljatament fil-mori ta' dina l-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 fl-ismijiet "Hotel Operators Limited vs. Events Travel and Incentives Limited", kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet; oltre l-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva.

Rat li s-socjeta’ konvenuta giet notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni prevista fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda dan nonostante, la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tal-1 ta’ Gunju, 2016.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-13 ta’ Gunju, 2016, is-socjeta’ konvenuta msejjha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta’ attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tmint elef hames mija wiehed u sebghin Euro (€8,571.35), bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentati mis-socjeta attrici, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura relattiva.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**